



Stqarrija għall-Istampa

Il-Lussemburgu, l-1 ta' Ottubru 2020

L-awdituri jgħidu li s-sorveljanza mill-UE tal-għajjnuna li tingħata mill-Istat għall-banek teħtieġ verifika tal-idoneità

Il-Kummissjoni Ewropea għandha s-setgħat legali u r-riżorsi biex tikkontrolla l-għajjnuna li tingħata mill-Istat għall-istituzzjonijiet finanzjarji. Skont rapport ġdid li nħareġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA), madankollu hija mhux dejjem kienet f'pożizzjoni li tużahom bis-sħiħ. Mill-2013 sal-2018, kien hemm dgħufijiet kemm fil-valutazzjoni tal-kompatibbiltà kif ukoll fil-monitoraġġ tal-prestazzjoni. Minbarra dan, filwaqt li r-regoli għall-kontroll tal-għajjnuna li tingħata mill-Istat ġeneralment kienu ċari u sempliċi, dawn kienu ilhom ma jiġu mmodifikati mill-2013, minkejja kuntest differenti ħafna. Għalhekk, l-awdituri jappellaw biex ir-regoli attwali jiġu evalwati mill-ġdid.

B'mod ġenerali, il-leġiżlazzjoni tal-UE tipprojbixxi l-appoġġ finanzjarju pubbliku. Madankollu, wara l-kriżi finanzjarja fil-perjodu 2007-2008, kien hemm żieda qawwija bla preċedent fl-għajjnuna li tingħata mill-Istat għall-istituzzjonijiet finanzjarji billi din tqieset li kienet meħtieġa biex tillimita t-theddida li l-banek kienu jirrappreżentaw għall-istabbiltà finanzjarja. Minn dak iż-żmien 'il hawn, l-UE għamlet riformi maġġuri fil-qafas tagħha għas-settur finanzjarju, bl-għan li s-salvataġġi tal-banek ma jkunux meħtieġa fil-futur. Minkejja dan, għad hemm każijiet fejn il-banek jirċievu l-flus tal-kontribwenti. Il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tivvaluta l-kompatibbiltà ta' dawn il-miżuri mas-suq intern tal-UE. L-awdituri eżaminaw jekk, mill-adozzjoni tal-Komunikazzjoni Bankarja l-ġdida f'Awwissu 2013 sa tmiem l-2018, il-Kummissjoni kinitx wettqet kontroll xieraq biex tiżgura li l-għajjnuna li nġhatat mill-Istat baqgħet eċċezzjonali u limitata għall-minimu meħtieġ, kif mitlub skont it-Trattati tal-UE.

"Meta mqabbel ma' dak li ġara wara l-kriżi finanzjarja tal-perjodu 2007-2008, iċ-ċirkustanzi nbidlu b'mod ċar, anke fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 li qed tiżvolġi. Il-qafas regolatorju ssaħħaħ ferm, u b'hekk il-banek saru aktar reżiljenti u hemm inqas ħtieġa li jserrġu fuq l-appoġġ tal-kontribwent. Sadanittant, hemm objettiv rikonoxxut li s-settur bankarju jsir aktar integrat," qal Mihails Kozlovs, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Għalhekk, aħna nistiednu lill-Kummissjoni biex tqis il-possibbiltà li tirrazzjonalizza l-għajjnuna li tingħata mill-Istat għas-settur finanzjarju, f'termini kemm ta' regoli kif ukoll ta' prattiki."

L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq eca.europa.eu.

ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu

B'mod ġenerali, l-awdituri jirrikonoxxu li l-UE żviluppat mezzi xierqa u setgħat għall-kontroll effiċjenti tal-għajnuna li tingħata mill-Istat għall-banek. Il-Kummissjoni allokat ir-riżorsi u l-għarfien espert meħtieġa, u stabbiliet qafas etiku robust. Hija stabbiliet ukoll proċessi rilevanti u, b'mod ġenerali, l-attivitajiet tagħha rigward it-trattament tal-każijiet kienu konformi. Madankollu, kultant il-proċeduri kienu twal iżżejjed u mhux dejjem kienu kompletament trasparenti, u dan kien prinċipalment minħabba użu estensiv ta' kuntatti informali qabel in-notifika.

L-awdituri sabu li r-regoli għall-kontroll tal-għajnuna li tingħata mill-Istat għas-settur finanzjarju ġeneralment kienu mfassla tajjeb u ċari. It-Trattati tal-UE jippermettu li jingħata appoġġ pubbliku għall-banek fuq bażi ta' eċċezzjoni biex jiġi rimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru. L-awdituri josservaw li, madankollu, ir-regoli tal-UE mhumiex espliċiti biżżejjed dwar dan il-punt u ma jagħtux definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi taqlib serju. Huma osservaw ukoll li l-Kummissjoni ma kkontestatx id-dikjarazzjonijiet li saru mill-Istati Membri li kienet teżisti t-theddida għall-istabbiltà finanzjarja f'każijiet individwali. Barra minn hekk, filwaqt li l-Kummissjoni rrikjediet miżuri intenzjonati biex jillimitaw id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, hija ma analizzatx l-impatti reali ta' kull miżura fuq il-kompetizzjoni. L-indikaturi tal-prestazzjoni li l-Kummissjoni użat lanqas ma kienu kollha kemm huma adatti għall-iskop tagħhom, billi huma mhux dejjem kienu jirriflettu xogħolha iżda, minflok, kienu jirriflettu fatturi esterni lil hinn mill-kontroll tagħha.

Fl-aħħar nett, l-awdituri jiddeploraw il-fatt li l-Kummissjoni kienet ilha mill-2013 ma tevalwa b'mod xieraq ir-regoli tagħha dwar il-kriżijiet. B'konsegwenza ta' dan, ir-regoli baqgħu ma nbidlux minkejja t-tiġdid tal-qafas regolatorju (inkluż il-fatt li d-Direttiva dwar l-Irkupru u r-Riżoluzzjoni tal-Banek illimitat il-possibiltajiet li l-banek jingħataw għajnuna mingħajr ma jiġu skattati proċedimenti ta' insolvenza) u minkejja klima ekonomika u finanzjarja li kienet tjiebet b'mod konsiderevoli (qabel il-COVID-19). L-awdituri jwissu li, għalhekk, hemm riskju li r-regoli attwali tal-UE jaf ma jibqgħux allinjati mar-realtajiet tas-suq.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, u sabiex jiġi razzjonalizzat il-kontroll imwettaq mill-UE fir-rigward tal-għajnuna li tingħata mill-Istat għas-settur finanzjarju, l-awdituri jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex din:

- sal-2023 tevalwa jekk ir-regoli attwali għadhomx xierqa u temendahom fejn meħtieġ;
- issaħħaħ aktar il-konformità mal-proċessi interni u mal-aħjar prattiki; u
- ittejjeb il-kejl tal-prestazzjoni tagħha.

Noti lill-Edituri

B'mod ġenerali, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprojbixxi l-għajnuna li tingħata mill-Istat, sakemm din ma tkunx iġġustifikata għal raġunijiet ta' żvilupp ekonomiku ġenerali jew f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali li jkun ddefiniti tajjeb. Il-Kummissjoni Ewropea għandha kompetenza unika għall-kontroll tal-għajnuna li tingħata mill-Istat. L-għan tiegħu huwa li jissalvagwardja l-integrità tas-suq intern billi jipproteġi kontra d-distorsjoni tas-suq ikkawżata mill-Istati Membri.

Ir-Rapport Speċjali Nru 21/2020 "Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat għall-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE: jeħtieġ li tiġi vverifikata l-idoneità tiegħu" huwa disponibbli bi 23 lingwa tal-UE fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

Dan l-awditu jagħmel parti mill-[ħidma tal-QEA fil-qasam tal-governanza finanzjarja u ekonomika](#). Huwa jikkomplementa r-rapporti tal-QEA li ġew ippubblikati preċedentement dwar is-supervizzjoni finanzjarja u l-politika tal-kompetizzjoni.

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u

r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li nagħmlu fir-rapporti tagħna jiddaħħlu fil-prattika.

Informazzjoni dwar il-miżuri li l-QEA ħadet b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19 tista' tinstab [hawnhekk](#).

Kuntatt għall-istampa għal dan ir-rapport

Vincent Bourgeois – E: vincent.bourgeois@eca.europa.eu

T: (+352) 4398 47502 / M: (+352) 691 551 502